

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11344/26

ESE 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 324 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL It-tnejn u għoxrin rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 324 final.

Mehmuż: COM(2026) 324 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2026
COM(2026) 324 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

**It-tnejn u għoxrin rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE)
Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu,
li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

It-tnejn u għoxrin rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 tad-29 ta' April 2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu, li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 dwar reġim skont l-Artikolu 2 tal-Protokoll 10 mal-Att ta' Adeżjoni¹ (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament dwar il-Linja l-Ħadra”) daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004. Dan jistabbilixxi t-termini li permezz tagħhom għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-UE għall-moviment ta' persuni, oġġetti u servizzi minn fuq il-linja bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv u ż-żoni li fihom jeżerċita tali kontroll. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-regoli, l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għall-konfini bejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li fihom il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċita kontroll effettiv u ż-Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant tar-Renju Unit (ESBA)².

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2025.

Fl-2025, il-Kummissjoni kompliet bi djalogu kostruttiv mal-awtoritajiet rilevanti tar-Repubblika ta' Ċipru u mal-Amministrazzjoni taż-Żona tal-Bażi Sovrana dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament. Hija kompliet ukoll bid-djalogu kostruttiv mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torca.

1. QSIM TA' PERSUNI

1.1. Qsim f'punti ta' qsim awtorizzati

Ir-Regolament jipprovdi qafas legali għall-qsim ta' Ċiprijotti, ta' ċittadini oħrajn tal-UE u ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja l-Ħadra (minn hawn 'il quddiem “il-Linja”) f'punti ta' qsim awtorizzati. Fl-2025, l-għadd ta' qsim minn Ċiprijotti Griegi u minn Ċiprijotti Torok żdied meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Skont id-data mill-Pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru li tkopri l-perjodu ta' rapportar, ġew irreġistrati li qasmu 1 453 135 Ċiprijott Grieg (preċedentement 1 346 121) u 833 786 (preċedentement 822 443) vettura Ċiprijotta Griega miż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru lejn iż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern. Fl-istess perjodu, ġew irreġistrati li qasmu 1 983 610 Ċiprijotti Torok (preċedentement 1 814 647) u 748 061 (preċedentement 705 532) vettura Ċiprijotta Torca fid-direzzjoni l-oħra³. Ir-Repubblika ta' Ċipru rrapportat li minħabba problemi tekniċi minn Jannar sa Marzu, id-data dwar il-qsim tal-vetturi ma kinitx kompletament akkurata.

L-għadd ta' ċittadini tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-Linja żdied ukoll. Matul il-perjodu ta' rapportar, qasmu fiż-żewġ direzzjonijiet 2 053 958 (preċedentement 1 777 946) ċittadin tal-UE (għajr Ċiprijotti) u nazzjonal ta' pajjiżi terzi.

Dawn iċ-ċifri ma jinkludux data dwar persuni u vetturi li jaqsmu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fil-punti ta' qsim ta' Pergamos u Strovilia, li jaqgħu taħt l-awtorità tal-ESBA. Għal dawn,

1 ĠU L 161, 30.4.2004, p. 128, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 685/2013 tal-15 ta' Lulju 2013 (ĠU L 196, 19.7.2013, p. 1).

2 Ara l-Protokoll dwar iż-Żoni tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit f'Ċipru tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

3 L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru ma jżommux rekords dwar ir-ritorn ta' Ċiprijotti Griegi lejn iż-żoni kkontrollati mill-Gvern jew dwar ir-ritorn ta' Ċiprijotti Torok lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru.

l-ESBA rrapportat li lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ġew irreġistrati li qasmu 594 172 (preċedentement 687 007) Ċiprijott Grieg u 385 347 (preċedentement 428 204) vetturi Ċiprijotti Griegi. Fl-istess żmien, ġew irreġistrati li qasmu 747 130 (preċedentement 708 810) Ċiprijott Tork u 405 977 (preċedentement 378 270) vettura Ċiprijotta Torka fid-direzzjoni l-oħra. Barra minn hekk, 963 292 ċittadin tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u nazzjonal ta' pajjiżi terzi qasmu l-Linja fiż-żewġ direzzjonijiet.

Fl-2025, l-għadd ta' uffiċjali tal-pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru li keinu jaħdmu fil-punti ta' qsim żdied għal 108, meta mqabbel ma' 107 fl-2024.

Iċ-ċifri miġbura mill-komunità Ċiprijotta Torka fl-2025 jindikaw żieda fl-għadd ta' Ċiprijotti Griegi li qasmu, li laħaq 2 341 029 (preċedentement 2 767 805) u fl-għadd ta' vetturi Ċiprijotti Griegi, li laħaq 1 340 713 (preċedentement 1 579 058), miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru. Huma jindikaw żieda fl-għadd ta' Ċiprijotti Torok li qasmu, li laħaq 3 152 743 (preċedentement 2 933 833) u fl-għadd ta' vetturi Ċiprijotti Torok li laħaq 1 395 796 (preċedentement 1 280 653), fid-direzzjoni l-oħra. Skont l-istatistika pprovduta, 1 960 545 (preċedentement 2 004 017) ċittadin tal-UE (għajr iċ-Ċiprijotti) u nazzjonal ta' pajjiżi terzi qasmu miż-żoni kkontrollati mill-Gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru fl-2025.

Ġie rrapportat li l-prezzijiet għoljin u l-inflazzjoni għolja fil-komunità Ċiprijotta Torka skoraġġew liċ-Ċiprijotti Griegi milli jaqsmu l-Linja l-Ħadra biex jagħmlu x-xiri personali tagħhom u ħeġġew liċ-Ċiprijotti Torok biex jaqsmu l-Linja fid-direzzjoni l-oħra.

Baqgħu jiġu rrapportati kjuwrijiet twal fil-punt ta' qsim ta' Agios Dhometios. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru nnotaw li ntużaw aktar riżorsi umani biex jiġi ffaċilitat il-qsim. F'Diċembru 2025, ix-xogħlijiet ifffinanzjati mill-programm ta' għajjnuna għall-komunità Ċiprijotta Torka bdew iżidu n-numru ta' korsiji f'dan il-punt ta' qsim.

Ix-xarabanks Ċiprijotti Torok li jgħorru ċittadini tal-UE ma kellhomx permess mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru li jaqsmu lejn iż-żoni kkontrollati mill-Gvern sakemm ma jkollhomx dokumenti kompletament konformi mal-acquis, maħruġa mill-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru. Kif issemma fis-snin preċedenti, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru indikaw li daħħlu fis-seħħ arranġamenti biex jiffaċilitaw il-proċess għaċ-Ċiprijotti Torok biex ikunu jistgħu jiksbu ċertifikati tal-affidabilità stradali, awtorizzazzjonijiet kif ukoll liċenzji professjonali tas-sewqan; il-liċenzji jingħataw mingħajr ħlas wara li jiġu ppreżentati l-applikazzjonijiet (tradotti għal-lingwa Torka).

Ir-Repubblika ta' Ċipru għandha tkompli tiżgura l-qsim ta' persuni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 866/2004.

L-14-il miżura għall-bini tal-fiduċja mħabbra fl-2024 mill-President Christodoulides komplew jiġu implimentati. It-twessigħ tal-punt tal-qsim ta' Agios Dhometios u ż-żieda fil-persunal fil-punt tal-qsim kienu partikolarment rilevanti.

Il-Forza tan-Nazzjonijiet Uniti għaż-Żamma tal-Paċi f'Ċipru (UNFICYP) komplet tiffaċilita l-prattika tal-qima reliġjuża fuq iż-żewġ naħat tal-Linja l-Ħadra miż-żewġ komunitajiet⁴.

4 Ir-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-UNFICYP [S/2026/8] tal-5 ta' Jannar 2026, il-paragrafu 28.

1.2 Migrazzjoni irregolari li taqsam il-Linja l-Ħadra u l-ażil

Iċ-ċifri tar-Repubblika ta' Ċipru għall-2025 indikaw tnaqqis fl-għadd ta' migranti li qasmu b'mod irregolari l-Linja miż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru lejn iż-żoni kkontrollati mill-Gvern. Fl-2025, 2 433 migrant irregolari qasmu l-Linja b'dan il-mod; iċ-ċifri ekwivalenti għall-2024, għall-2023 u għall-2022 kienu 3 319, 6 793 u 16 627 rispettivament. Minkejja x-xejra pożittiva, il-migrazzjoni irregolari mil-Linja l-Ħadra tibqa' toħloq tħassib kbir li jeħtieġ viġilanza kontinwa.

Il-Kummissjoni ttenni li filwaqt li r-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra jipprevedi kontrolli fuq il-persuni kollha li jaqsmu l-Linja l-Ħadra, il-migranti li qasmu l-Linja b'mod irregolari għandu jkollhom aċċess għal mekkaniżmi li jippermettulhom japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali jekk ikunu jixtiequ jagħmlu dan.

Il-komunità Ċiprijotta Torka innotat li l-isforzi kienu komplew fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru biex tiġi ostakolata l-migrazzjoni irregolari. Fl-2025, 5 230 persuna⁵ nżammu milli jidħlu fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-Gvern ta' Ċipru, u 1 754 persuna⁶ li kienu nqabdu fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ġew deportati.

Rappreżentanti miż-żewġ komunitajiet iltaqgħu fil-Kumitat Tekniku bikomunali dwar il-Kriminalità u Kwistjonijiet Kriminali taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti (NU), li serva bħala kanal għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali u tal-pulizija. Bħala estensjoni ma' dan il-kumitat, iż-żewġ komunitajiet komplew jużaw żewġt "Joint Contact Rooms", f'Nikosija u f'Pyla, li jipprovdu mezz għall-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet kriminali⁷.

Il-pulizija tar-Repubblika ta' Ċipru ddeskriviet il-kooperazzjoni ma' dipartimenti governattivi rilevanti oħra tar-Repubblika ta' Ċipru u mal-amministrazzjoni tal-ESBA bħala tajba ħafna.

Żona tal-Bażi Sovrana tal-Lvant (ESBA)

Il-migrazzjoni irregolari miż-żoni mhux ikkontrollati mill-Gvern ta' Ċipru wara li jkun għaddew mill-ESBA naqset fl-2025. Fl-2025, inqabdu 33 migrant wara li kienu qasmu l-Linja b'mod irregolari⁸. Mill-4 609 persuni li ma tħallewx jaqsmu, li minnhom l-akbar numru (843) kien ċittadini Iżraeljani, segwiti minn ċittadini Russi (735), minn ċittadini Ukreni (505) u minn ċittadini Torok (505). F'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Protokoll dwar iż-Żoni tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit f'Ċipru, anness mal-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, l-awtoritajiet tal-ESBA rrifjutaw li jippermettu lin-nazzjonali barranin li jkunu waslu mill-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru milli jaqsmu l-Linja⁹. Dawn il-persuni ngħataw struzzjonijiet sabiex jaqsmu minn punti ta' qsim barra mill-ESBA sabiex jgħaddu minn kontrolli f'konformità mar-rekwiżiti tal-qasim tar-Repubblika ta' Ċipru.

L-uffiċjali taż-Żona tal-Bażi Sovrana (SBA, Sovereign Base Area) jiddeskrivu l-kooperazzjoni tagħhom mar-Repubblika ta' Ċipru bħala tajba ħafna.

F'postijiet oħra apparti mill-punti ta' qsim, il-Pulizija tal-SBA wettqet patrols ibbażati fuq ir-

5 Nazzjonali skont il-pajjiż: L-Iran: 753; Il-Pakistan: 732; L-Iraq: 516; It-Turkija: 485; Is-Somalja: 322; Oħrajn: 2 422.

6 Nazzjonali skont il-pajjiż: It-Turkija: 423; In-Niġerja: 385; Il-Bangladesh: 198; Is-Sirja: 160; Il-Pakistan: 133; Oħrajn: 455.

7 Ir-Rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Forza taż-Żamma tal-Paċi tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ċipru (UNFICYP) [S/2026/8] tal-5 ta' Jannar 2026, il-paragrafu 20.

8 Kull wieħed mit-33 migrant irregolari interċettati fl-ESBA applika għall-ażil u għadda f'idejn l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru.

9 In-nazzjonali ta' pajjiżi terzi (għajr iċ-ċittadini tar-Renju Unit) jiġihallew jaqsmu biss jekk ikunu involuti f'xi attività relatata mad-difiża jew ikunu membri tal-familja ta' xi ħadd li jkun involut f'tali attività.

riskju u mmexxija mill-intelligence sabiex tiġġieled il-migrazzjoni irregolari. Dawn il-patrols ġew issupplimentati minn patrols mid-dwana tal-SBA u minn persunal militari.

Hemm diffikultà partikolari sabiex jiġu kkontrollati erba' "punti ta' qsim mhux awtorizzati" fir-raħal ta' Pergamos jew qribu, li jintużaw mir-residenti lokali u mill-bdiewa. Kif issemma f'rapporti preċedenti, dawn il-"punti ta' qsim mhux awtorizzati" għadhom joħolqu tħassib u għandha tinstab soluzzjoni xierqa f'konformità mal-Artikolu 7 tal-Protokoll. Matul il-perjodu ta' rapportar, l-awtoritajiet tal-SBA wettqu kontrolli spontanji fuq individwi li kienu qegħdin jużaw toroq li jwasslu lejn dawn il-punti ta' qsim.

2. QSIM TA' OĠĠETTI

2.1. Valur tal-kummerċ

Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra, oġġetti jistgħu jiddaħħlu minn żoni mhux taħt il-kontroll tal-Gvern lejn żoni kkontrollati mill-Gvern, dment li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'dak l-Artikolu¹⁰ u jkunu akkumpanjati minn dokument maħruġ mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka. Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004¹¹, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka u l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrapportaw kull xahar dwar it-tip, il-volum u l-valur tal-oġġetti li għalihom inħarġu dokumenti ta' akkumpanjament.

Skont l-istatistika li pprovdiet ir-Repubblika ta' Ċipru, il-valur totali tal-kummerċ tal-oġġetti bid-dokumenti ta' akkumpanjament li fil-fatt qasmu l-Linja naqas b'5,3 % fl-2025 għal EUR 14 430 669 (preċedentement EUR 15 238 221).

Skont l-istatistika pprovduta mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka, il-valur totali tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament ammonta għal EUR 15 866 752 (preċedentement EUR 18 222 590). Meta mqabbel mal-2024, dan huwa tnaqqis ta' 12,9 % fil-valur totali tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament.

Il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru ma huwiex regolat mir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra. Madankollu, huwa mħeġġeġ għal raġunijiet ekonomiċi peress li jikkontribwixxi għall-bini tar-relazzjonijiet u tal-fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet. Fl-2025, dan il-kummerċ żdied b'madwar 13,5 %, minn EUR 1 314 705 fl-2024 għal EUR 1 491 582 fl-2025, skont iċ-ċifri mill-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru. Il-kummerċ miż-żoni kkontrollati mill-Gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru jirrappreżenta 10,3 % tal-kummerċ fid-direzzjoni opposta (8,6 % fl-2024).

Il-komunità Ċiprijotta Torka kompliet tapplika sistema kummerċjali li b'mod wiesa' "tirrifletti" l-kundizzjonijiet tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-oġġetti, jista' jsir kummerċ tagħhom miż-żoni kkontrollati mill-Gvern lejn il-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru biss ladarba jinħareġ "permess tal-importazzjoni" u tkun ġiet imposta "taxxa fuq il-valur miżjud" anke jekk tkun diġà ġiet imposta fiż-żoni kkontrollati mill-Gvern. Din is-sistema tiskoraġġixxi l-kummerċ bikomunali; pereżempju, il-kummerċ tal-faqqieġ miż-żoni kkontrollati mill-gvern lejn iż-żoni mhux ikkontrollati mill-gvern ma setax isir matul il-perjodu ta' rapportar.

10 L-Artikolu 4(1) jistabbilixxi li l-merkanzija trid tkun inkisbet kompletament minn żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru jew ikun sarilha l-aħħar proċessar jew ħidma sostanzjali, ekonomikament ġustifikati f'impriża mgħammra għal dak l-iskop fiż-żoni mhux taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru.

11 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1480/2004 tal-10 ta' Awwissu 2004 (ĠU L 272, 20.8.2004, p. 3).

2.2 Tipi ta' oġġetti

Fl-2025, in-natura tal-prodotti li jsir kummerċ tagħhom baqgħet ġeneralment stabbli u ma ġie introdott l-ebda prodott ġdid. Il-materjali tal-bini u tal-kostruzzjoni baqgħu l-aktar oġġetti li jsir kummerċ tagħhom, segwiti mill-ġhamara, il-plastik, ir-ruttam u l-iskart. Kien hemm tnaqqis notevoli fil-kummerċ tal-frott u tal-ħxejjex; b'mod partikolari, ma kien hemm l-ebda kummerċ fil-patata.

2.3 Irregolaritajiet

Ir-Repubblika ta' Ċipru ressqet għall-attenzjoni tal-Kummissjoni żewġ każijiet sinifikanti ta' irregolarità li seħħew matul il-perjodu ta' rapportar.

Fil-5 ta' Frar, ġiet miċħuda konsenja ta' sinkijiet u fit-30 ta' Mejju ġiet miċħuda konsenja ta' żebgħa tal-emulsjoni. Iż-żewġ każijiet kienu minħabba ċertifikati tal-prestazzjoni mhux korretti.

2.4 Ostakli u diffikultajiet li jikkonċernaw il-moviment ta' oġġetti

Baqgħu jippersistu ostakli għall-kummerċ li jaqsam il-Linja u dawn huma raġuni waħda għala bħalissa hemm livell limitat ta' kummerċ. Matul il-perjodu ta' rapportar, il-kummerċ li jaqsam il-Linja l-Ħadra naqas l-aktar minħabba ż-żieda fil-prezzijiet fiż-żoni mhux ikkontrollati mill-Gvern u r-restrizzjonijiet li ffaċċjaw in-negozji fis-settur tal-prodotti tal-kostruzzjoni. Il-Ministeru għall-Intern tar-Repubblika ta' Ċipru kompli bl-attivitajiet tiegħu ta' sorveljanza tas-suq. Madankollu, il-kapaċità limitata tal-persunal wasslet għal xi dewmien. Dan jifforma parti mill-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tgħin il-kummerċ tal-Linja l-Ħadra jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu.

Kif issemma f'rapporti preċedenti¹², il-kwistjoni tal-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jaqsmu lejn iż-żoni kkontrollati mill-Gvern għad trid tiġi solvuta. Fil-preżent, il-vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jiżnu aktar minn 7,5 tonnelli jistgħu jaqsmu l-Linja biss dment li jkollhom dokumenti kompletament konformi mal-acquis maħruġa mir-Repubblika ta' Ċipru. Kif issemma fi snin preċedenti, l-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru informaw lill-Kummissjoni li implimentaw miżuri biex jagħmluha eħfef għaċ-Ċiprijotti Torok biex jissodisfaw uħud mir-rekwiżiti, bħall-kisba ta' ċertifikati tal-affidabilità stradali u liċenzji professjonali tas-sewqan. Soluzzjoni għall-kwistjoni tikkontribwixxi b'mod sinifikanti sabiex jiżdied il-livell ta' kummerċ peress li tiffaċilita t-trasport tal-oġġetti. Barra minn hekk, din issaħħaħ il-kuntatt bejn l-operaturi ekonomiċi Ċiprijotti, u b'hekk tgħin tkabbar il-fiduċja bejn iż-żewġ komunitajiet. Il-Kummissjoni se tkompli timpenja ruħha mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u mal-komunità Ċiprijotta Torok biex tiġi identifikata soluzzjoni għal din il-problema.

Matul il-perjodu ta' rapportar, ma sarx progress ulterjuri dwar il-kwistjoni tal-prodotti tal-ikel ipproċessati ta' oriġini mhux mill-annimali li jaqsmu l-Linja. Ma sar l-ebda kummerċ fl-ikel ipproċessat ta' oriġini mhux mill-annimali. Il-Kummissjoni u r-Repubblika ta' Ċipru komplew id-djalogu kostruttiv tagħhom dwar li jiġi permess il-kummerċ f'aktar tipi ta' ikel ipproċessat ta' oriġini mhux mill-annimali. Il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel (boroż tal-plastik għall-ħobż) kompli jsir kummerċ tagħhom bejn naħa u oħra tal-Linja l-Ħadra matul il-perjodu ta' rapportar u, skont id-data mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torok, kienu l-għaxar prodott li l-aktar sar kummerċ tagħhom fl-2025.

Bħal fis-snin preċedenti, xi kummerċjanti Ċiprijotti Torok komplew jirrapportaw diffikultajiet

12 Ara pereżempju d-disa', l-għaxar, il-ħdax, it-tnax, it-tlettax, l-erbatax, il-ħmistax, is-sittax, is-sbatax, it-tmintax, id-dsatax, l-għoxrin u l-wieħed u għoxrin rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 866/2004 u s-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tiegħu.

sabiex il-prodotti tagħhom jiġu stokkjati fil-ħwienet u sabiex jirreklamaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom fiż-żoni kkontrollati mill-Gvern, u dan ixekkel il-kummerċ. Barra minn hekk, il-kummerċjanti miż-żewġ komunitajiet semmew bosta problemi amministrattivi meta pprovaw jidħlu f'negozju mal-komunità l-oħra.

In-nuqqas ta' kapaċità li jiġu ttrasferiti fondi bejn il-banek fiż-żoni kkontrollati mill-gvern u l-banek fiż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru kompli jxekkel il-kummerċ bejn iż-żewġ naħat tal-Linja l-Ħadra. Fl-2023, il-Bank Ċentrali ta' Ċipru ħareġ ittra ċirkolari lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li tiċċara li ċ-Ċiprijotti Torok li għandhom passaporti jew karti tal-identità tar-Repubblika ta' Ċipru huma intitolati li jifihu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti l-oħrajn kollha ta' diliġenza dovuta għall-identifikazzjoni tal-klijent. Madankollu, iċ-Ċiprijotti Torok komplew jirrapportaw diffikultajiet meta pprovaw jifihu kontijiet ma' banek kummerċjali u kien biss għadd limitat ħafna ta' Ċiprijotti Torok li setgħu jifihu tali kontijiet. Barra minn hekk, in-negozji Ċiprijotti Torok ma setgħux jifihu kontijiet bankarji fiż-żoni kkontrollati mill-Gvern. Il-Kummissjoni se tkompli tiddjaloga mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tinstab soluzzjoni għal din il-kwistjoni.

Ir-restrizzjonijiet imposti mill-Bank Ċentrali Torok fuq il-banek kummerċjali Torok li jikkoooperaw ma' banek kummerċjali fir-Repubblika ta' Ċipru huma ostaklu li jikkomplika l-kwistjoni ulterjorment.

2.5. Kuntrabandu ta' oġġetti

Baq' għaddej il-kuntrabandu tal-oġġetti, u dan jirrifletti d-diffikultà li jiġu kkontrollati l-movimenti irregolari minn naħa għal oħra tal-Linja.

Fl-2025, ir-Repubblika ta' Ċipru għamlet 2 870 sekwestru ta' oġġetti li ddaħħlu b'kuntrabandu (preċedentement 3 170), tnaqqis ta' 9,5 %. Meta mqabbel mas-snin preċedenti, kien hemm tnaqqis fil-kuntrabandu ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u ta' prodotti tal-ħalib, u żieda fil-volum tal-kuntrabandu ta' prodotti agrikoli oħra. Kien hemm tnaqqis fil-kwantità ta' sigaretti u ta' tabakk tal-brim sekwestrati mid-dwana tar-Repubblika ta' Ċipru fuq il-Linja: 721 024 sigarett u 198 710 g ta' tabakk tal-brim (preċedentement 727 362 sigarett u 235 989 g). Barra minn hekk, ġew sekwestrati wkoll 232 136 skartoċċ tas-sigaretti elettroniċi u 267 386 g ta' tabakk narghile. Il-kuntrabandu tal-alkoħol naqas filwaqt li l-kuntrabandu ta' oġġetti li jiksru d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali naqas ferm. Oġġetti oħra sekwestrati inkludew karożżi, fjuwil, drogi, mediċini u pestiċidi. Tressqu 35 każ ta' prosekuzzjoni dwar il-kuntrabandu quddiem il-Qorti Distrettwali. Il-każijiet ta' kuntrabandu ta' kwantitajiet żgħar ta' sigaretti normalment kienu jiġu trattati permezz tal-impożizzjoni ta' penali amministrattiva u konfiska.

Fl-2025, l-awtoritajiet tal-ESBA rreġistraw tnaqqis fl-għadd ta' qabdiet ta' oġġetti bil-kuntrabandu fl-ESBA; kien hemm 661 sekwestru meta mqabbla ma' 997 fl-2024.

Fir-rigward tal-provvista tradizzjonali tal-popolazzjoni Ċiprijotta Torok tal-villaġġ ta' Pyla, li jinsab fiż-żona ta' lqugħ (l-Artikolu 4 (10) tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra), il-kwantitajiet ta' materjali tal-kostruzzjoni, ħut, sigaretti, eċċ. ġew immonitorjati u rreġistrati mill-amministrazzjoni tal-ESBA.

2.6. Faċilitazzjoni tal-kummerċ

Il-Kummissjoni kompliet tfittex modi kif ittejjeb il-kummerċ minn naħa għal oħra tal-Linja.

Matul il-perjodu ta' rapportar, il-Kummissjoni kompliet bid-diskussjonijiet mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru. Il-Kummissjoni kellha wkoll diskussjonijiet mal-Kamra tal-Kummerċ

Ċiprijotta Torka dwar il-kummerċ li jgħaddi mil-Linja l-Ħadra.

Il-Kummissjoni pprovdiet assistenza teknika u assistenza għall-proġetti lill-bdiewa u lill-imħaleb Ċiprijotti Torok biex tippermettilhom jikkonformaw mar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-Halloumi/Hellim li huwa prodott fil-parti tat-Tramuntana ta' Ċipru bħala Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta (DOP). Bureau Veritas, li f'Settembru 2021 nħatret bħala l-korp delegat responsabbli għat-twettiq tal-kontrolli tad-DOP fil-gżira kollha, kompliet bil-ħidma ta' spezzjoni tagħha. Il-Grupp ta' Ħidma informali tal-Kummissjoni dwar il-Halloumi/Hellim iltaqa' fid-29 ta' Jannar, fil-11 ta' Ġunju u fis-26 ta' Settembru 2025. Il-minuti tal-Grupp ta' Ħidma huma ppubblikati fuq: [Ir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra - il-Kummissjoni Ewropea](#).

Fid-dawl ta' rapport minn espert indipendenti, il-Kummissjoni awtorizzat il-kummerċ tal-għasel li jaqsam il-Linja l-Ħadra. Madankollu, ma sar l-ebda kummerċ; dan ġie attribwit għall-prezz għoli tal-għasel Ċiprijott Tork.

Matul l-2025, il-Kummissjoni kompliet tiskjera l-esperti tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-istrument ta' Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX) biex tipprovdi appoġġ għall-kummerċ li jaqsam il-Linja l-Ħadra, skont il-mandat stabbilit fir-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra. L-esperti ta' TAIEX kienu involuti fit-twettiq ta' spezzjonijiet fitosanitarji regolari tal-frott u l-ħaxix (speċjalment il-patata) billi jieħdu kampjuni tal-għasel għall-analiżi, u jipproduċu lista aġġornata ta' bastimenti tas-sajd li l-qabda tagħhom ikun jista' jsir kummerċ tagħha minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra.

Filwaqt li jaħdem f'kooperazzjoni mal-Kamra tal-Kummerċ u l-Industrija ta' Ċipru u mal-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka, il-punt uniku ta' servizz tal-UE kompla jipprovdi informazzjoni u assistenza teknika lin-negozji u lill-individwi li huma interessati li jagħmlu kummerċ minn naħa għal oħra tal-Linja l-Ħadra, u qajjem kuxjenza dwar il-kummerċ tal-Linja l-Ħadra billi organizza avvenimenti u opportunitajiet ta' networking għall-produtturi u għall-kummerċjanti.

Xi konsenjaturi Ċiprijotti Torok ta' ħut frisk komplew jirrapportaw diffikultajiet sabiex jissodisfaw l-iskadenzi stabbiliti għall-ispezzjonijiet veterinarji ta' ħut frisk fil-punt ta' qsim ta' Agios Dhometios. Ir-Repubblika ta' Ċipru esprimiet tħassib sinifikanti dwar in-natura ta' xi konsenji ta' ħut frisk. Il-Kummissjoni qed teżamina dan it-tħassib.

Il-Kummissjoni tteġġeg lill-operaturi ekonomiċi jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' negozju u tilqa' l-isforzi li saru mill-Kamra tal-Kummerċ u mill-industrija Ċiprijotta u mill-Kamra tal-Kummerċ Ċiprijotta Torka.

2.7. Oġġetti tal-Unjoni li jittieħdu lura lejn iż-żoni taħt il-kontroll effettiv tal-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru wara li jgħaddu miż-żoni li ma humiex taħt il-kontroll effettiv tiegħu

L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru rrapportaw li 1 262 oġġett ittieħdu lura lejn iż-żoni kkontrollati mill-Gvern wara li kienu għaddew miż-żoni mhux ikkontrollati mill-Gvern.

3. KONKLUŻJONIJIET

F1-2025 kien hemm żieda fil-qsim minn Ċiprijotti Griegi, Ċiprijotti Torok, nazzjonali tal-UE (minbarra Ċiprijotti) u nazzjonali ta' pajjiżi terzi.

L-għadd ta' persuni li qasmu l-Linja b'mod irregolari naqas fl-2025, b'hekk kompliet ix-xejra ta' tnaqqis ta' dawn l-aħħar snin. Madankollu, il-migrazzjoni irregolari li taqsam il-Linja għadha titlob viġilanza mill-qrib. Hemm bżonn li jiġu allokatu biżżejjed riżorsi biex jitwettqu kontrolli

fuq in-nies u biex isiru attivitajiet ta' sorveljanza tul il-Linja.

Fl-2025, il-valur tal-kummerç li qasam il-Linja naqas b'5,3 % biex niżel minn EUR 15 238 221 fl-2024 għal EUR 14 430 669 fl-2025. Il-valur tal-oġġetti li għalihom inħarġu d-dokumenti ta' akkumpanjament naqas bi 12,9 % minn EUR 18 222 590 għal EUR 15 866 752. Il-materjali tal-bini u tal-kostruzzjoni baqgħu l-aktar oġġetti li jsir kummerç tagħhom, segwiti mill-għamara, il-plastik u r-ruttam u l-iskart.

Il-Kamra tal-Kummerç u l-Industrija ta' Ċipru u l-Kamra tal-Kummerç Ċiprijotta Torka komplew jikkooperaw bil-għan li jgħibu benefiċċji ekonomiċi liż-żewġ komunitajiet.

Ir-Repubblika ta' Ċipru kompliet tagħti awtorizzazzjoni għall-qsim tal-Linja lil vetturi kummerċjali Ċiprijotti Torok li jiżnu aktar minn 7,5 tunnelli, jekk dawn ikunu konformi mal-acquis. L-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru nnotaw li huma daħħlu fis-seħħ arranġamenti sabiex jagħmluha eħfef għaċ-Ċiprijotti Torok biex ikunu jistgħu jiksbu ċertifikati tal-affidabilità stradali, awtorizzazzjonijiet kif ukoll liċenzji professjonali tas-sewqan. Il-Kummissjoni se tkompli tiddjaloga mal-awtoritajiet tar-Repubblika ta' Ċipru biex tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

Matul il-perjodu ta' rapportar l-ebda tip addizzjonali ta' ikel ipproċessat ta' oriġini mhux mill-animali ma kien permess li jsir kummerç tiegħu minn naħa għall-oħra tal-Linja. Il-Kummissjoni se tkompli d-djalogu tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru biex ikun jista' jsir kummerç ta' kull tip ta' ikel ipproċessat ta' oriġini mhux mill-animali minn naħa għall-oħra tal-Linja l-Ħadra.

B'mod ġenerali, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-kummerç minn naħa għall-oħra tal-Linja għandu l-potenzjal li jiżdied. L-indirizzar tal-ostakli għall-kummerç identifikati f'dan ir-rapport jgħin biex jiġi ffaċilitat dan it-tkabbir, u l-Kummissjoni tilqa' kwalunkwe żvilupp pożittiv f'din id-direzzjoni. Il-Kummissjoni tittama li l-ħidma taż-żewġt Ikmamar sabiex itejbu l-kuntatti bejn iż-żewġ komunitajiet tan-negozju, twassal għal aktar rabtiet ekonomiċi.

F'dan l-isfond, il-Kummissjoni tkompli tibbaża fuq il-kooperazzjoni tajba mar-Repubblika ta' Ċipru u l-ESBA sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament dwar il-Linja l-Ħadra. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-implimentazzjoni tar-Regolament.